MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 65/2003

Loreta Axiak

vs

Maria Attard,
U b'degriet tat-28 ta' Diċembru 2006,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Maria Giovanna Grima, Giuseppe,
Zakkarija, Elizabetta Camilleri,
Francesca Borg, u Loreto Attard,
Ilkoll aħwa Attard, minflok
Maria Attard li mietet fil-
Mori tal-kawża.

Salvina Xuereb,
U b'degriet tal-10 ta' Ottubru 2008,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Joseph Xuereb minflok Salvina Xuereb
Li mietet fil-mori tal-kawża.

Joseph Xuereb
F’ismu proprju u bħala kuratur Deputat
Tal-imsefrin Anthony Xuereb,
Emanuel Xuereb, Saviour Xuereb,
Loreta Xuereb u Rita mart Michelangelo Gatt;

Theresa Grima .

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Jannar tal-elf disa’ mija u ħamsa u tmenin (1985) miet f’Għajnsielem, Għawdex, Carmelo Xuereb, bin il-mejtin Salvatore Xuereb u Rosa nee’ Dimech, imwieled Għajnsielem, Għawdex, fejn kien ukoll residenti, u dana kif jidher minn kopja taċ-ċertifikat tal-mewt hawn annessa u markata Dokument A;

Illi fit-tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn (2000) mietet f’Għajnsielem, Għawdex, Rosa Xuereb, armla ta’ Carmelo Xuereb bint il-mejtin Alfonso Grech u Francesca nee’ Ciantar, imwielda Għajnsielem, Għawdex fejn kienet ukoll residenti , u dana kif jidher skond kopja taċ-ċertifikat tal-mewt hawn annessa u markata Dokument B;

Illi l-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb għamlu tlett testmenti unica charta bejniethom, tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil u ċioe’ wieħed tat-tmintax (18) ta’ Frar elf disa’ mija u wieħed u sittin (1961) kopja tiegħu hawn annessa u markata dokument C, u l-ieħor tas-sitta (6) ta’ Lulju elf disa’ mija u tlieta u sittin (1963) kopja tiegħu hawn annessa u markata  Dokument D, u ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tat-tletin (30) ta’ Marzu elf disa’ mija u wieħed u sebgħin (1971) kopja tiegħu hawn annessa u markata dokument E;

Illi in oltre l-imsemmija Rosa Xuereb għamlet żewġ testmenti oħra fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u ċioe’ wieħed fl-għaxra (10) ta’ Jannar elf disa’ mija iu sitta u tmenin (1986) kopja tieghu hawn annessa u markata dokument F u l-ieħor tat-tmienja (8) ta’ Frar elf disa’ mja u

disgħa u tmenin (1989) kopja tiegħu hawn annessa u markata dokument G;

Illi miż-żwieġ tal-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb twieldu tlettax-il wild illi tlieta minnhom mietu trabi u għalhekk l-eredita' għandha tinqasam bejn l-għaxart ulied l-oħra u ċioe' Rita Gatt mart Michael'Angelo Gatt, Saviour, Anthony, Loreto, Emanuel, Joseph, Maria Attard armla ta' John Attard, Teresa Grima mart Francesco Grima, Loreta Axiak armla ta' Paul Axiak u Salvina Xuereb;

Illi l-attriċi ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti;

Illi l-konvenuti għalkemm interpellati diversi drabi kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittra interpellatorji sabiex jersqu għad-diviżjoni bonarja tal-assi ereditarji tal-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb, huma baqgħu inadempjenti;

Illi l-attriċi tixtieq tuża din iċ-ċitazzjoni sabiex titlob (1) sehemha bħala waħda mill-werrieta universali mill-eredita tal-mejjet missierha Carmelo Xuereb u (2) il-leġittima spettanti lilha bil-liġi mill-eredita tal-mejta ommha Rosa Xuereb;

Illi l-attriċi rrinunzjat għall-eredita tal-mejta ommha Rosa Xuereb sabiex b'hekk tkun tista' titlob il-leġittima lilha spettanti skond il-liġi.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taċċerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' Carmelo Xuereb u ta' Rosa Xuereb;

2. Tillikwida l-ishma spettanti għall-ereditajiet rispettiva' Carmelo Xuereb u ta' Rosa Xuereb;

3. Tillikwida u tordna d-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo Xuereb skond il-kwoti kif

ordnati fit-testmenti tieghu u tassenja lill-istanti sehemha kif ordnat fit-testmenti tiegħu;

4. Tordna illi l-attriċi tiġi assenjata l-leġttima lilha spettanti fil-liġi mill-assi ereditarji tal-mejta Rosa Xuereb u dan sakem m possibbli fi proprjeta' mmobbli;

5. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u dan f'data, ħin u lok illi jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi maħtura minn din l-istess Qorti sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

6. Tordna li kemm-il darba jirriżulta illi xi beni ma humiex komodament diviżibbli jew il-leġittima ma hiex faċilment likwidabbli, tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi perċepit mill-kontendenti skond il-kwoti rispettivi u jew il-leġittima skond il-liġi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura, tal-ittri interpellatorji u tal-ittra uffiċċjali spedita fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu imħarrka.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi maħlufa minnha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Maria Attard, Salvina Xuereb, Joseph Xuereb f'ismu u bħala kuratur deputat ta' l-imsiefrin Anthony Xuereb, Emanuel Xuereb, Saviour Xuereb, Loreta Xuereb u Rita mart Michelangelo Gatt, li biha eċċepew illi:

1. Illi l-esponenti ma jopponux la għad-diviżjoni mitluba ta' l-eredita' ta' Carmelo Xuereb u l-inqas għall-assenjazzjoni tal-leġittima fuq l-eredita' ta' Rose purche' :-

(i) ikunu verifikati l-konsistenza ta' l-assi ereditarji in diviżjoni u l-kwoti rispettivi tal-partijiet;

(ii) għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-leġittima spettanti lill-attriċi tiġi komputata u meħuda in

konsiderazzjoni kwalsiasi gratwita' riċevuta minnha mingħand ommha.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Theresa Grima li permezz tagħha eċċepiet illi:
(1) Illi hija ma topponix u qatt ma opponiet it-talba ta' l-attriċi għad-diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Carmelo Xuereb, purke' jiġu osservati u eżegwiti d-dispożizzjonijiet testamentarji kollha tiegħu, speċjalment il-legati kollha ordnati minnu u kwindi ma għandha tħallas ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża.

(2) Illi l-eċċipjenti lanqas ma topponi għat-talba ta' l-attriċi għall-ħlas tal-leġittima fuq il-wirt ta' Rosa Xuereb, purke' jiġi onorat il-fatt illi bil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) l-istess Rosa Xuereb kienet ittrasferiet proprjeta' lill-eċċipjenti u eżentata mill-obbligu tal-kollazzjoni (Dok A);

(3) Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 1994 li bih innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku fil-kawża sabiex jagħmel valutazzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat ir-rikors tal-konvenuti kollha, barra Thereza Grima, li permezz tagħha talbu li jiġu awtoriżżati jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri dwar l-allegata aċċettazzjoni da parti ta' l-attriċi tal-wirt ta' ommha fil-mori tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Lulju 2008 fejn laqgħet it-talba għall-preżentata ta' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' dawn il-konvenuti ta' l-24 ta' Lulju 2008, li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Illi l-attriċi Loreta Axiak għamlet atti di erede kif jidher mill-anness kuntratt tal-31 ta’ Awwissu 2007 atti Nutar Kristen Dimech (Dok S) u għalhekk, hija għandha tiġi meqjusa li aċċettat il-wirt ta’ l-istess Rosa Xuereb, b’konsegwenza li ma tistax titlob il-leġittima spettanti lilha bil-liġi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat il-verbal ta' l-avukat Dottor Mario Scerri għall-konvenuta Thereza Grima ta' l-istess ġurnata, li permezz tiegħu assoċja ruħu ma' din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti l-oħra.

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra relattivi għal din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob sehemha mill-wirt ta' missierha Carmelo Xuereb u l-leġittima spettanti lilha mill-assi ereditarji ta' ommha Rosa Xuereb.

Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża rriżulta li l-attriċi biegħet sehem indiviż spettanti lilha mill-eredita' ta' ommha mill-fond bin-numri 6, 8 u 10 fi Pjazza San Gwann

Battista, ix-Xewkija, Għawdex.[1] Iżjed minn sena u nofs wara, il-konvenuti, li kienu wkoll ko-vendituri fuq dak il-kuntratt irrealizzaw li peress li oħthom l-attriċi kienet dehret (permzz ta' bintha Rose Refalo, li kellha l-prokura tagħha) fuq l-istess kuntratt, din setghet b'hekk ġiet li aċċettat il-wirt ta' ommha. Għalhekk intavolaw rikors fis-7 ta' Mejju 2008 biex jiġu awtorizżati jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-attriċi kienet issa aċċettat l-eredita' ta' ommha u ma setgħetx iżjed tfittex il-leġittima dovuta mill-assi ereditarji tagħha.

Mhux kontestat mill-attriċi li hija dehret permezz ta' bintha Rose Refalo fuq il-kuntratt imsemmi, u għalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa issa sabiex jiġi determinat jekk b'dak li għamlet l-attriċi, jiġix li taċitament aċċettat il-wirt ta' ommha u per konsegwenza ma tistax tkompli tfittex għal-leġittima permezz ta' din il-kawża.

L-artikolu 850 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li:

**"(1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.**

**(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalita' ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.**

**(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet."**

Fil-każ in eżami ma rriżultax li kien hemm aċċettazzjoni espressa tal-wirt, kif kontemplata fis-subinċiż (2) ta' dan l-artikolu, u għalhekk jekk kien hemm xi aċċettazzjoni da parti ta' l-attriċi, din setgħet kienet biss espressa.

Huwa stabilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna f'dan ir-rigward illi:

[1] Ara kopja tal-kuntratt relattiv li sar in atti Nutar Dottor Kristen Dimech tas-27 ta' Ottubru 2006 esebit bhala Dok. SG 1 a fol. 86 - 138 tal-process .

"*Biex tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' eredita' jeħtieġ li jkun hemm suċċessibbli, li dan is-suċċessibbli jkollu l-intenzjoni li jaċċetta l-eredita', li hu jagħmel xi att li jista' jagħmlu biss bħala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher neċessarjament il-volonta' tiegħu li jaċċetta l-eredita'. Liema att irid ikun tali li ċertament, neċessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tiġi nferita konsegwenza oħra ħlief dik li min għamlu ried jaċċetta l-eredita'. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri tinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri…*". [2]

Hekk ukoll ingħad illi:

"*Tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' eredita' meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel dak l-att jekk mhux bħala werriet; jiġifieri illi l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabbli f'min jagħmlu l-volonta' li jaċċetta l-eredita'*...". [3]

Similment insibu illi:

"*Tirrikorri l-aċċettazjoni ta' eredita' meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel jekk mhux bħala werriet. Fost ir-rekwiżiti meħtieġa biex tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' l-eredita' l-aqwa wieħed huwa l-intenzjoni; u mhux biżżejjed li l-att jirrivela din l-intenzjoni, imma l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabbli l-volonta' f'min jagħmlu li jaċċetta l-eredita'; b'mod li l-att ma jkunx konċiljabbli ma' volonta' diversa, u bil-konsegwenza li l-atti ekwivoċi jeskludu dina l-intenzjoni u volonta'. Il-prova ta' dan l-att, u li dan l-att jammonta għal aċċettazzjoni tal-wirt jekk huwa ma jkunx werriet għandha tiġi esklużа favur is-suċċessibbli u kontra min jallegaha…*". [4]

[2] Appell ; Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et. : 30.04.1962 .
[3] Prim'Awla : Giuseppe Scicluna vs Carmela Vella : 4.05.1957 .
[4] Prim'Awla : Amadeo Mea et. vs Albert Borg et. : 28.06.1952; ara wkoll fl-istess sens : Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et. : 03.10.2003 .

Il-**Baudry** huwa u jikkummetta fuq l-aċċettazzjoni taċita msemmija fl-artikolu 778 tal-Kodiċi Franċiż, identiku għall-artikolu 850 tagħna, jispjega illi:

"Poiche la prima delle due idee contenute nell'art. 778 e' la piu' importante per sapere se un atto implichi immistione, cioe' accettazione tacita, si deve considerare di preferenza la veste in cui il successibile credette di compierlo anziche quella con cui egli in realta' lo ha compiuto. Cosi' suppongasi: un figlio, chiamato alla successione del padre e della madre, morti ambedue a breve spazio di tempo l'uno dall'altro, non ha ancora esercitato la sua opzione relattivamente a queste due successioni; egli vende un fondo che fa parte dell'eredita' di suo padre, ma che egli crede appartenere alla successione di sua madre; e si ammette che il suo errore sia dimostrato. Se si applicasse a questo caso la proposizione finale del nostro testo, si dovrebbe dichiarare che egli ha accettato tacitamente la successione di suo padre, perche' egli ha compiuto un atto che non potrebbe validamente eseguire che in qualita' di erede di costui. Cio' pero' sarebbe ben poco razionale e gli si attribuerebbe cosi' una qualita' che egli certo non volle assumere. Noi gli applicheremo invece la prima parte della nostra disposizione e lo dichiareremo erede pure e semplice di sua madre e infatti l'atto da lui compiuto, dato l'errore sotto l'influenza del quale egli agi, implicava necessarjamente l'intenzione d'accettare la sucessione di sua madre." [5]

Minn din id-dottrina u ġurisprudenza jirriżulta għalhekk illi l-fatt li xi ħadd jidher fuq att li permezz tiegħu ibiegħ sehmu minn xi parti mill-assi ereditarji, ma jimplikax bilfors u awtomatikament l-aċċettazzjoni taċita' ta' l-eredita' li l-assi mibjugħ kien jifforma parti minnu. Dan waħdu żgur li mhux biżżejjed, u wieħed irid jara wkoll x'kienet tassew l-intenzjoni neċessarja u inekwivoka tal-kontraent f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-attriċi, mara anzjana li dakinhar kellha erbgħa u tmenin sena,

[5] Baudry - Lacantinerie: Trattato di Diritto Civile: Della Successioni, vol. II para. 1114 pag. 100 .

dehret fuq il-kuntratt in kwistjoni permezz ta' bintha li kellha l-prokura tagħha. Kienet qed tinbiegħ dar li oriġinarjament kienet tappartjeni lill-Arċipriet Pietro Paolo Ciantar li miet fit-28 ta' Frar 1908 u ħalla l-istess fond kwantu għal nofs indiviż lil ħutu u kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor bejn id-dsatax-il neputi tiegħu. Jidher li omm l-attriċi kienet xi tifla ta' xi waħda minn dawn in-neputijiet. Fi kwalunkwe każ mill-prezz ta' EUR464,874.67 rikavat minn dan il-bejgħ lill-attriċi messitha s-somma ta' EUR160.09.[6] Żgur li l-attriċi, anke jekk qatt saret taf li bintha kienet ser tidher għaliha fuq dan il-kuntratt, żgur li ma setgħetx kellha l-intenzjoni li tirrinunzja għall-effetti kollha tat-talbiet tagħha għall-leġittima mill-assi ereditarji ta' ommha, kif magħmula f'din il-kawza, sempliċement biex tkun ħadet din is-somma misera.  Wisq inqas setgħet tirrealiżża li dak li kien imissha minn dan il-bejgħ kien ser jingħata lilha għax in-nanna tagħha nsertat waħda min-neputijiet ta' l-Arċipriet Ciantar, li lilhom kien tħalla xi sehem minn din id-dar, u li hija kienet ser tieħu xi ħaġa bħala waħda mil-werrieta ta' ommha. X'aktarx il-fatt li l-konvenuti stess, li kif ġia ngħad kienu wkoll komparteċipi fl-istess kuntratt, damu sena u nofs biex qajjmu għall-ewwel darba din il-kwistjoni, jindika li lanqas huma ma kienu rrejalizżaw dan meta attendew għall-pubblikazzjoni tiegħu.

F'tali ċirkostanzi u peress li din il-Qorti mhix konvinta li b'dak li għamlet l-attriċi permezz ta' bintha meta din dehret f'isimha fuq il-kuntratt ta' bejgħ in kwistjoni tal-31 ta' Awwissu 2007, hija kienet b'daqshekk qed turi neċessarjament u b'mod inekwivoku il-volonta' tagħha li taċċetta l-eredita' ta' ommha Rosa Xuereb, a skapitu tat-talbiet relattivi tagħha f'din il-kawża, din l-eċċezzjoni ulterjuri ma tistax tiġi milqugħa. Naturalment il-flus li pperċepiet l-attriċi permezz ta' dak il-kuntratt għandhom xorta waħda jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini tal-kalkolu tal-leġittima spettanti lilha mill-assi ereditarji ta' ommha.

---

[6] ara dikjarazzjoni dwar l-ezenzjoni mit-taxxa fir-rigward ta' ulied il-konvenuta Maria Attard, li bejniethom messithom l-istess somma, a fol. 225 tal-process .

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad din l-eċċezzjoni ulterjuri, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------